**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 3 ta' Frar 2021**

**Talba Nru: 347/19 CZ**

**Cons (Trading) Limited (C8995)**

**vs.**

**K.S.A. Limited (C26771)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-6 ta' Novembru 2019 li biha premettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn u mija u tlettax-il Euro u tlieta w hamsin centezmu (€2,113.53) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija provduta u mibjugha mis-socjeta' mittenti lis-socjeta' intimata fuq bazi ta' konsenja fuq ordni maghmula mis-socjeta' intimata (dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok. 'A');

Illi minkejja diversi weghdiet da parti tas-socjeta' intimata u anke diversi interpellazzjonijiet da parti tas-socjeta' mittenti, inkluz l-ittra ufficcjali datata 24 t'Ottubru 2017 bin-numru 3989/2017 (hawn annessa u mmarkata 'Dok. B') u l-ittra ufficcjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 bin-numru 2618/2019 datata 16 ta' Settembru 2019 (hawn annessa u mmarkata 'Dok.C) is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk din il-procedura kellha tigi istitwita quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant in vista tal-premess, is-socjeta' attrici titlob bir-rispett illi dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elfejn u mija u tlettax-il Euro u tlieta u hamsin centezmu (€2,113.53) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija pprovduta u mibjugha mis-socjeta' mittenti lis-socjeta' intimata fuq bazi ta' konsenja fuq ordni maghmula mis-socjeta' intimata.

Bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficcjali datata 24 t'Ottubru 2017 bin-numru 3989/2017 u l-ittra ufficcjali mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 bin-numru 2618/2019 datata 16 ta' Settembru 2019 u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli skond it-termini u l-kundizzjoni ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta mressqa fil-21 ta' Novembru 2019 li permezz taghha eccepiet:

1. L-azzjoni hija llum preskritta bi preskrizzjoni ta' hames (5) snin;
2. Bla pregudizzju, l-ammont mitlub ma huwiex dovut kif se jirrizulta waqt il-kawza;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
4. Bl-ispejjez.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra illi b'sentenza tad-9 ta' Lulju 2020 it-Tribunal cahad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Ra l-affidavit ta' Mark Anthony Coleiro[1], u Pio Cassar[2], u sema' x-xiehda ta' Patricia Coleiro[3] it-tlieta li huma prodotti mis-socjeta' attrici. Ra illi s-socjeta' konvenuta inghatat zmien sabiex tipprezenta l-affidavits taghha, liema zmien kien ukoll gie mgedded, izda l-istess socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx dawn l-affidavits u ma prezentat l-ebda prova ohra.

Ra l-verbal tas-seduta tal-1 ta' Frar 2021 li bih l-avukat difensur tas-socjeta' attrici talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza.

Ra li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra ulterjorment:

[1] Fol. 76 tal-process
[2] Fol. 77 tal-process
[3] Fol. 24

Illi s-socjeta' attrici ikkonsenjat ammont ta' merkanzija lis-socjeta' konvenuta, li min-naha taghha irriservat spazju fil-hwienet taghha, sabiex jintwerew u jinbieghu il-prodotti tas-socjeta' konvenuta. Il-ftehim ta' bejn il-partjiet kien illi dawk l-oggetti li ma jinbieghux jintraddu lis-socjeta' attrici, u f'dan is-sens l-oggetti baqghu dejjem tas-socjeta' attrici. Meta s-socjeta' konvenuta kienet tbiegh l-oggetti, is-socjeta' attrici kienet tithallas sehmha mill-qliegh.

Illi ghalkemm ir-relazzjoni bejn il-partijiet kienet tajba ghall-bidu u kien isir il-hlas puntwalment, maz-zmien il-kumpanija konvenuta bdiet taqa' lura fil-pagamenti, u kien hemm anke zmien fejn is-socjeta' attrici kienet qed tirkupra minghand is-socjeta' konvenuta l-istock sabiex jonqos id-dejn b'dan il-mod, u dan bi ftehim mas-socjeta' konvenuta. Dan apparti li kien hemm ukoll zmien fejn is-socjeta' konvenuta kienet qed thallas lura d-dejn permezz ta' pagamenti mensili ta' hamsa w ghoxrin Euro (€25). Skond ir-rendikont a fol. 3 et seq. tal-process, l-ahhar hlas li ghamlet is-socjeta' konvenuta kien fil-15 ta' Gunju 2012.

Illi s-socjeta' attrici baqghalha tithallas is-somma mitluba f'din il-kawza. Is-socjeta' konvenuta ma tat l-ebda raguni ghalfejn ma hallsitx. Fit-tieni eccezzjoni, semplicement qalet li l-ammont mitlub ma huwiex dovut kif se jirrizulta waqt il-kawza. Izda waqt il-kawza min-naha tas-socjeta' konvenuta ma rrizulta xejn, ghax ma ressqet l-ebda provi; u ghalhekk is-socjeta' konvenuta ma ppruvatx u ma ssostanzjatx din it-tieni eccezzjoni. Ghalhekk, u ghar-ragunijiet moghtija mix-xiehda tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici l-ammont mitlub.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici, u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u mija u tlettax-il Euro u

tlieta u hamsin centezmu (€2,113.53), bl-imghax mid-data ta' kull fattura sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kif mitluba ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur